**Diskors kommemorattiv tas-Segretarju s-Sur Joseph Cauchi, moqri waqt il-Programm Mużikali mtellgħa mill-Banda La Vittoria b'tifkira tas-Disgħin Sena mit-twaqqif u ta' l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-bini l-ġdid tal-Każin mill-President ta' Malta, l-E.T. Dott. Ugo Mifsud Bonnici, u t-tberik tiegħu min-Nuzju Appostoliku l-E.Revma. Mons. Emmanuel Gerada. Is-Sibt 30 t'Awissu 1997, fil-Pjazza tal-Parroċċa, l-Mellieħa.**

Eċċellenza, Eċċellenza Reverendissima, Onorevoli Ministru, Onorevoli Membri Parlamentari, Sur Sindku, Wisq Reverendu Kappillan, Sħabi Kunsilliera, Reverendi Kleru, Sur President tas-Soċjetà, Sur Viċi President, Sħabi tal-Kumitat, Sinjuri Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, tal-Mellieħa Sports Club, tal-Każin Laburista, tal-Każin Nazzjonalista u taċ-Ċentru Parrokkjali, Presidenti, Surmastrijiet u Membri Onorarji, Surmastrijiet, Bandisti, Membri, Benefatturi u Sinjuri Mistednin Distinti.

Nagħtikom merħba u nistedinkom sabiex illejla, flimkien magħna taqsmu dan il-ferħ li f'dawn l-aħħar sentejn b'sagrifiċċju ħdimna għalieh u llum ilħaqna l-quċċata tiegħu. Kienu sentejn ta' ħsibijiet, diskussjonijiet u xogħol manwali li b'sens għoli ta' Ċiviltà rnexxielna nwelldu din il-Binja Arkitettonika b'risq il-Kultura Mużikali fil-Mellieħa, b'dedika speċjali lil Għeżież Missirijietna li żgur dejjem xtaqu din il-Glorja għas-Soċjetà.

B'dan il-ħsieb jberen f'moħħi, għal frisk ta' din il-lejla, f'dan iċ-Ċentru Storiku tal-Mellieħa nixtieq inpoġġi l-ħsibijiet tagħkom lura lejn tmiem is-Seklu l-ieħor u l-bidu ta' dan is-Seklu li wasal ukoll lejn it-tmiem, u flimkien nagħtu ħarsa lejn kif kien l-Ambjent Mellieħi ta' dak iż-żmien. Meta fl-aħħar snin tas-Seklu min jaf kemm karettuni inġabru f'dan il-lok fejn ninsabu bħal issa jħottu l-ġebel Bajdani maqtugħ mill-Barriera ta' l-Aħrax, ġewwa l-Armier, sabiex waħda fuq l-oħra ġie msawwar dan it-Tempju lill-Ommna Marija tar-Rebħiet, u li bħal dażżmien Mitt Sena kien ġie mbierek mill-Isqof Mons. Pietru Pace. Kemm kien feraħ iżjed il-poplu Mellieħi meta fl-1899, raw ġewwa l-Għar Santwarju lill-istess Isqof jpoġġi fuq Ras ix-Xbieħa tal-Madonna u l-Bambin, Kuruni tad-Deheb maħsula bl-għaraq tas-sagrifiċċju tal-gabillotti u s-Sajjieda Melleħin. Dawn kienu l-akbar żewġ ġrajjiet ta' tmiem is-Seklu li xegħlu fil-qlub ta' xi ndividwi Melleħin dak is-sens patrijottiku, li għenhom jifirxu ħarsithom lejn il-ġejjieni u jħejju rwieħom għas-Seklu l-ġdid.

Kull meta nixref b'kurżita l-paġni ta' ġrajjietna ta' l-ewwel snin ta' dan is-seklu, ngħedha nibni xenarji tal-kampanja Mellieħija u nimmaġina minn setaħ għar-rwieħ fuq l-Għoljiet tal-Mellieħa noqgħod nissemma u ngħarrex għal dawk il-ħsejjes u l-movimenti msaltna mill-qilla tax-xemx. Fejn nilmaħ it-Tempju l-ġdid kollu Bajdani u ftit passi l-isfel il-Kampnar bil-qniepen li kull meta leħinhom jsemmgħu dlonk jfakkruna f'din Ommna fil-Għar Inkurunata. Id-djar mxerrda mal ftit toroq li kien hawn, ħafna battala, għaliex il-Familja kienet kollha tmur taħdem fl-għelieqi. L-Irziezet qalb ir-raba għammiela b'ħidmet il-bidwi, merħliet jirgħu fix-xagħri, ilma jgelgel għall-Għajn tal-Mellieħa u l-ilma jinqaleb mil-bramel tas-sienja. L-Inbieħ tal-kelb għassies fuq il-bejt tar-razzett, id-daqqiet tal-mazza fuq l-inkwina tħejji n-ngħal għal bagħal jew xi għodda għal bdiewa. Lin-nisa kont tismagħhom jgħannu waqt ix-xogħol tad-dar jew lit-tarbija biex torqod, inkella jballtu d-deffun fuq il-bjut jew iżżaqżqu n-newl ġewwa l-għorfa, u meta kien jingħażel il-qamħ u x-xgħir kienet tistema l-bronja b'sinjal lil bdiewa li l-Mitħna kienet ser taħdem. Aktar l-isfel lejn ix-xtajta kienet tinstemgħa dik iċ-ċafċifa ħelwa ta' ilma baħar safi, u biex ix-xena tkun komplita ma kienx jonqos dak il-għana tal-għasafar, it-tbarqim tal-ħamiem, iż-żarżir ta' xi weżieq u l-għajjat ferrieħi tat-tfal jilgħabu.

Dawn kienu l-ħsejjes tal-ħajja sa l-1906, meta ħames Melleħin li kienu; Giovanni Vella, 'Ta' l-Abjad', Salvatore Grima, 'Ta' Xandru', Francesco Bonello, 'Ta' Saver', Giuseppi Muscat, 'Ta' l-Iskarpan' u Angelo Abela, 'Tat-Tork', ingħaqdu flimkien u ħadu l-inizjattiva biex fil-Mellieħa tifforma banda. F'dak iż-żmien kien midħla tal-Mellieħa n-Nutar Luigi Gauci Forno li kompla

ta daqqa t'id u fil-31 ta' Lulju 1906 ġiet ordnata strumentatura ta' sebgħa u erbgħin strument u ġie nkarigat bħala Surmast Carmelo Doneo biex jgħallem il-mużika u jħejji l-bandisti. Fl-ewwel xhur tas-sena 1907 waslu l-istrumenti u tqassmu lill-alievi u dik il-ħemda li kienet taqa' fil-għaxija wara x-xogħol spiċċat għaliex ta' sikwit kien tistemgħa dik il-melodija ħierġa min xi għorfa mdawla b'xi lampa. L-ewwel dar li kienet inkriet f'numru 4 f'din il-Pjazza ġiet mibdulha malajr ma numru 7, għaliex kienet saret żgħira wisq għan-nies li kien qiegħed jiffrekwentawha min b'kurżità u min b'interess fil-Banda.

Hawn nistgħu ngħidu li għal Mellieħa inkitbet paġna ġdida fi ġrajjiena bit-twaqqif taċ-'Circolo Vittoria', li aktar tard ġie stabbilit bħala s-'Società Filarmonica La Vittoria", li kienet il-pijuniera fil-qasam Soċjali u Mużikali. Wara tant tagħlim fil-mużika u l-prattika fuq l-irfis ta' l-istrument, inħmew l-ewwel marċi u Programm Bandistiku mis-Surmast Carmelo Doneo, li kiteb ukoll l-ewwel marċ għal Banda bl-isem ta' 'Marcia La Vittoria', li għadu merfgħuh b'għożża fl-Arkivju tal-Banda u jindaqq sal-lum. Insibu miktub fl-istorja tas-Soċjetà li biex ġew ipprattikati l-marċi bil-mixi, kienu telqu mill-każin għal bitħa tas-Santwarju, fejn irringrazzjaw lil Madonna u wara baqgħu neżlin mat-trejqa li kienet twassal għal Bajja ta' l-Għadira, fejn din il-mixja saret għal diversi drabi sakemm waslet il-festa tal-Vittorja ta' l-1907.

Għall-ewwel darba lejliet il-festa l-Banda l-ġdida La Vittoria għamlet marċ wara nofs-in-nhar u fil-għaxija f'nofs il-pjazza daqqet programm mużikali bis-sebgħa u erbgħin bandist kollha Melleħin, taħt it-tmexxija tax-xwejjaħ Surmast fundatur Carmelo Doneo. Meta dan l-impenn tal-festa għadda u raw li l-iskop kien intlaħaq, id-diriġenti firxu l-ħidma tal-Banda tal-Mellieħa minbarra l-parteċipazzjoni fil-festa tal-Vitorja, kienet tieħu sehem ukoll fil-festi tal-Madonna tal-Mellieħa u f'San Ġużepp. Dawn flimkien mas-servizzi li l-Banda bdiet tiġi mistiedna tagħmel f'diversi bliet u rħula madwar Malta u Għawdex.

Insibu li l-Banda fl-ewwel snin tagħha kienet numeruża, iżda hekk kif Malta ġiet involuta fl-Ewwel Gwerra Dinjija, ħafna Bandisti ġew imsejħa bħala suldati u għal Banda din is-sitwazzjoni ħalliet l-effetti tagħha sakemm għaddiet u wara reġgħet qabdet dak ir-ritmu sabieħ li kellha qabel, u l-istess insibu li kien ġara fiż-żmien tal-Gwerra l-Kbira ta' bejn l-1940 u l-1945. Insibu li fl-għoxrinijiet meta l-Banda La Vittoria kienet fl-aqwa tagħha, fl-1928 kienet ħadet sehem fil-kompetizzjoni tal-Karnival ta' Malta, fejn baqgħet tieħu sehem għal ħafna snin u rebħet l-ewwel premju għal diversi drabi. Il-Każini li servew bħala s-Sede tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria kienu erba' kollha f'din l-istess Pjazza. Bħal ma diġà għidt l-ewwel tnejn kienu viċin xulxin fid-djar 4 u 7, fejn f'ta' l-aħħar illum tinsab il-Banda Imperial. It-tielet kien dak f'numru 43, li jinsab faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Il-Banda ġarret fih fl-1926 u biex tfakkar din l-okkażjoni kien sar Programm Mużikali mmexxi mis-Surmast Nikola Montebello, filwaqt li l-Viċi President is-Sur Mikiel Caruana kien ippreżenta Bandalora u l-Markiż u l-Markiża Scicluna li kienu ammiraturi tal-Banda kienu rregalaw sett qniepen. F'dan l-istess każin fl-1932 tfakkar il-Ġublew tal-Fidda tas-Soċjetà u l-Banda La Vittoria, meta kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast żagħżugħ Willie Attard, li f'din l-okkażjoni kiteb il-mużika għall-Innu tal-Banda fuq il-kliem tal-Ispiżjar Mellieħi Carmelo Debono Vella, li sal-lum għadu jitkanta. Ir-raba' dar kienet f'numru 23, li tinsab fil-qrib tagħna, inkriet fl-1938 mingħand il-familja tat-Tabib Bonavia minn Naxxar. Din id-dar li min dejjem kellha pożizzjoni sabieħa u prominenti u l-bandisti u l-membri rabtuha ma' qalbhom u wara dsatax-il sena fl-1958 ġiet akkwistata għas-somma ta' £2000. Matul kważi dawn il-Erbgħin sena li għaddew il-Kumitati flimkien mal-bandisti u l-membri dejjem għarfu kif kien l-aħjar għas-Soċjetà li jirranġaw din id-dar f'każin modest li seta' jservi l-ħtiġijiet tal-ġurnata, bil-għajnuna professjonali tal-President l-Perit Carm Lino Spiteri u l-ħafna voluntiera li dejjem meddew idejhom għax-xogħol meħtieġ.

Għaddew is-snin li magħhom ġabu dak kollu li taf tagħti l-ħajja, u li llum jgħoddu mad-disgħin, fejn matulhom is-Soċjetà dejjem kellha mexxejja għaqlin li mexxewha l-quddiem. Għalhekk f'din l-okkażjoni bix-xieraq li nfakkruhom għas-sehem tagħhom, fejn bħala Presidenti nsibu lin-Nutur Luigi Gauci Forno, lil Prokuratur Legali Edwardo Frendo, l-Avv. Tomaso Fenech, l-Avv. Gorg Zammit, lis-Sur

John Abela u dak attwali l-Perit Carm Lino Spiteri flimkien mal-ħafna Kumitati tas-Soċjetà. Ma' dawn irrid inżid lil dawk il-mużiċisti li żviluppaw l-arti mużikali fejn fosthom insibu lis-Surmast Fundatur Carmelo Doneo, Antonio Micallef, Enrico Xuereb, Nikola Montebello, Pacifico Scicluna, Willie Attard, Adeodato Gatt, Vincenzo Ciappara, Salvino Vella, Henry Camilleri u s-Surmast preżenti Joseph Vella li hu mejgħun mill-Assistent Surmast Victor Vella, flimkien mal-ħafna Bandisti li dejjem kienet imżejna bihom il-Banda La Vittoria.

Fi żmien dawn il-mexxejja ħafna kienu l-impenji tas-Soċjetà u l-Banda li komplew żejnu l-ġrajjiet b'ferħ u sodisfazzjon, u f'xi drabi d-diżappunti ma naqsux ukoll meta tqis li bħal kull għaqda oħra hi mibnija b'fehmiet differenti. Fost dawn il-ġrajjiet insibu l-festi kbar li saru fl-Anniversarju tal-Ħamsa u Għoxrin fl-1932, fi żmien is-Surmast Willie Attard. Fl-1957 taħt it-tmexxija tas-Surmast Vincenzo Ciappara tfakkar il-Ġublew tad-Deheb u fl-1982 fi żmien is-Surmast Henry Camilleri saru ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-ħamsa u sebgħin sena, u aktar riċenti meta l-Għaqdiet Mużikali Melleħin ingħaqdu flimkien biex laqgħu fostna fil-Mellieħa lil Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Avvenimenti oħra kbar u ta' unur għas-Soċjetà u għal Malta kienu s-sitt mawriet li għamlet il-Banda lil ħin minn xtutna bħala ambaxxatriċi tal-kultura maltija. Insibu li fl-1930 fi żmien is-Surmast Pacifico Scicluna marret f'Noto, Sqallija għal festa ta' San Corrado. Fl-1949 għamlet żewġ programmi fil-ġonna ta' Villa Bellini, f'Catania, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Adeodato Gatt. Fl-1988 fuq stedina ta' l-Assoċjazzjoni Malta-Sicilia, l-Banda għamlet diversi servizzi mużikali fl-ibliet ta' Raffadali, Agrigento, Partana, Mazzaro del Vallo, Acicastello u Catania, taħt it-tmexxija tas-Surmast Henry Camilleri, u s-sena ta' wara reġ għet telgħet Sqallija, din id-darba f'Mondello, Palermo. Fl-1994 taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Vella l-Banda kienet il-mistiedna tal-kumpless turistiku ta' 'Citta del Mare' f'Terasini, Palermo, u s-sena ta' wara kellha stedina oħra kulturali din id-darba mill-kumpanija turistika 'Merhaba' tat-Tuneżija, fejn il-Banda daqqet f'Sousse. Il-qofol ta' din l-aħħar mawra tal-banda seħħ nhar is-Sibt 23 ta' Settembru, meta waqt li konna fuq żjara fil-belt ta' Tunis, fil-port ta' La Goulette fi knisja żgħira kattolika, f'din l-art musulmana sibna x-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa, xogħol l-artist Malti Ġużeppi Calì.

Bħal ma wieħed jista' jaħseb biex dan il-ftit mill-ħafna li tkellimt fuqu seta' jkun possibli kien jeħtieġ ħafna xogħol volontarju li jikkontibwixxu għalih il-Kumitati, l-Bandisti u l-Membri, u biex wasalna fejn ninsabu llum, kien possibli bil-għajnuna tal-avvanzi kbar miksuba minn kull qasam edukattiv, billi l-imħuh ma baqgħux aktar konservattivi. Għalhekk għal darba oħra nsibu li s-Soċjetà kienet min ta' quddiem li firxet l-għeruq biex kompliet iżżejjen il-friegħi godda tagħha bil-Kumitati tan-nisa u taż-żgħażagħ, li f'dawn l-aħħar snin servew biex id-direzzjoni setgħet titwieżen u tkompli tissaħħaħ.

B'riżultat ta' dan l-avvanż b'kuxjenza lejn dak imħolli mill-għeżież missirijietna, l-President flimkien mad-direzzjoni tas-Soċjetà b'kuraġġ u determinazzjoni, megħjuna minn Sotto-Kumitat maħtur bħala pont bejn il-Kumitat, l-Bandisti u l-Membri, welldu l-ħsibijiet imħejjija sabiex is-Soċjetà titmexxa minn kumpless ġdid mgħammar bil-faċilitajiet li jitolbu żminijietna.

Illum nistgħu ngħidu li kien verament pass għaqli u f'waqtu, meta s-Soċjetà Filarmonika La Vittoria wara ġrajja ta' disgħin sena rnexxielha ssawwar bil-għaqal u b'xogħol il-ħaddiema li min b'mod u min b'ieħor taw is-sehem tagħhom biex min post qadim ġie imtellgħa binja palazz b'arkitettura bi stil Barokk u Joniku, li qablu ferm ma l-istili tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Fuq ġewwa ġew maħluqa stili oħra fuq dak Korint u mżejjen b'disinni oħra fejn kollox jispiċċa nkurunat b'koppla majestuża.

Dan kollu li twettaq, grazzi għal ftit tal-ħafna, ġie msarraf f'palazz monumentali li bl-istess isem li ġie mgħammed bih fl-1907, ta' La Vittoria, niddedikawh lil għeżież missirijietna, lillkom missieħba u ħaddiema li kkontribwix-xew b'ħidmiethom, lilkom benefatturi u ħbieb tas-Soċjetà, li l-lejla għoġobkom tkunu xhieda għal din it-tifkira ta' l-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid, li fil-ġejjieni qarib għandu jkompli jservi bħala l-katedra tal-Amministrazzjoni ħajja tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria.